# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat**

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63

**It-Tnejn 20 ta' Marzu, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-1.40 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv
Kasy Mercieca – Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ

# AĠENDA NRU. 63

63.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;

63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 62 – 8

63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

63.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

63.5 Attivitajiet

63.6 Ilmenti u Suġġerimenti

63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti Nru 3/2017

63.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa.
Il-Laqgħa bdiet fis-1.40 p.m., wara ntqalet it-talba tal-bidu.

## 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

63.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija mill-membri tal-Kunsill.

## 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 62 – 8

63.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 62 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

63.2.2 Fis-1.54 p.m. Is-Sindku ssospenda l-laqgħa peress li għal din il-laqgħa kien preżenti s-Sur Joseph Grech ta' 61, Triq il-Kbira li xtaq li jkellem lill-Kunsill.

63.2.3 Fis-2.12 p.m. daħlet fil-kamra tal-laqgħat is-Sinjorina Kasy Mercieca l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-żgħażagħ.

63.2.4 Fis-2.20 p.m. tkompliet il-laqgħa.

## 63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

63.3.1 Is-Sindku qal li dwar l-applikazzjoni ta' PA 5 ERDF, il-Kunsill qed jgħamel minn kollox biex jipprova japplika għar-restawr tal-pompa tal-ilma li tinsab fil-wied ta' Mġarr ix-Xini. Dwar dan saret laqgħa apposta mall-Ministru tat-Turiżmu fejn preżenti attendew is-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit Scerri peress li din l-applikazzjoni hemm għalija grant ta' 80% u l-20% mill-Kunsill. Il-Perit tal-Kunsill għamel l-istima għal dan ix-xogħol u b'hekk ġiet ppreżentata lil Ministru waqt din il-laqgħa. L-Onor. Zammit Lewis mill-Ministeru tiegħu aċċetta li jikkontribbwixxi l-ammont ta' €35000. Riċentament is-Sindku qal li reġa kellu laqgħa oħra mall-Ministeru għal Għawdex fejn semma' dan ir-restawr u kiteb biex jara jekk il-Ministeru għal Għawdex jkunx jista hu wkoll jikkontribwixxi €35000 l-oħra biex il-bqija jkun jista japplika għalihom mill-co-financing funds. Qabel ma l-Kunsill jkollu din il-konferma ma jistax japplika għal din il-Miżura. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid japplika għad-devoluzzjoni ta' din il-pompa mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u nforma lill-Kunsill li saret l-applikazzjoni mall-Planning Authority tar-restawr ta din il-pompa tal-ilma f'dan il-wied.

63.3.2 Is-Sindku qal li dwar Premju Ġieħ Sannat 2017 tqassmu mall-Bulletin tal-Parroċċa l-avviżi ta'tnedija għall-applikazzjonijiet għal dan il-premju. Din l-applikazzjoni tagħlaq nhar il-Ġimgħa 7 ta' April 2017. Wara il-bord jkun jista jevalwa l-applikazzjonijiet għal dan il-premju.

63.3.3 Is-Sindku qal li saret laqgħa mall-Head tal-iskola primarja fejn il-Kunsill ser jorġanizza attivita' lit-tfal fl-okkażjoni ta' Jum Sannat fejn għal din l-attivita' ser jinxtraw kotba, frott u ilma lill-istudenti kollha. Hu qal li f'dik il-ġimgħa ser isir quiz mit-tfal tal-iskola primarja dwar Ta' Sannat.

63.3.4 Is-Sindku qal li saret il-laqgħa dwar l-Active Ageing Hub Ta' Sannat nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2017, dan is-servizz suppost ser jibda fil-viċin.

63.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bdew ix-xogħolijiet tas-sinjali tat-traffiku mill-ħaddiema tal-MGOZ. Il-Perit Scerri ntalab jgħamel traffic management ġdid tal-Pjazza Santa Margerita u Triq Ta' Ċenċ biex dan jintbgħat lill-Ministeru għal Għawdex u lill-Transport Malta ghall-approvazzjoni tagħhom. Hu semma' wkoll li għandha tintalab pjanta ta' Pjazzetta tax-Xelina mingħand il-Perit tal-Kunsill biex jiġu spejgati aktar il-give ways ta' din il-pjazzetta permezz ta' avviż lir-residenti.

63.3.6 Is-Sindku qal li l-Perit Scerri ntalab biex ikejjel it-toroq u joħroġ l-istimi li minnhom il-Kunsill ser ikun jista japplika minn Miżura 4.3. – *support in infrastructure related to development, modernisation and adoptation of agriculture and forestry* u li dwar it-toroq li l-Kunsill kien iddeċieda fuqhom fl-ahhar laqgħa li huma: Triq ġdida fi Triq Saguna, Triq Bardan, Sqaq Dun Anastas, Sqaq ta' Xamgħan u tlett sqaqien fi Triq Ta' Ċenċ biex meta jkun il-waqt il-Kunsill ikun jista japplika minn din il-miżura.

63.3.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob stima lill-Perit biex passaġġ li hemm minn Triq it-Tempju tal-Imramma jingħata bil-konkos. Il-Kunsill qabel ma dan.

63.3.8 Is-Sindku qal li l-10 laqgħat dwar Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar ser jibdew isiru kull nhar ta' Sibt fis-sala tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat minn nhar is-Sibt 29 ta' April 2017. Dwar dan il-Kunsill qassam flyers apposta bl-avviż mall-Bullettin tal-Parroċċa u jispera li jkun hemm konkorrenza tajba.

63.3.9 Is-Sindku qal li dwar l-ilment mill-aħħar laqgħa (mill-minuti Nru. 62 vers 62.7.9) li sar mill-Viċi Sindku dwar l-istat li tħalliet l-għalqa ta wara l-Ġnien tal-Bidwi, s-Segretarju Eżekuttiv kiteb lill-Kuntrattur konċernat fejn dan wieġeb u qal li hu ma ħalliex din l-għalqa f'dak l-istat.

63.3.10 Is-Sindku qal lill-Kunsill li hu nfurmat li l-Ministeru għal Għawdex ħareġ it-tender biex jingħata wiċċ ġdid bit-tarmak ta' Triq Gerxija.

63.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu 2017 saret laqgħa positTiva fil-Ministeru għal Għawdex, dan wara diversi korrispondenza li ntbgħatet lil Ministru u uffiċjali fil-Ministeru dwar l-istat li tinsab fih Triq Sannat. Is-Sindku qal li għal din il-laqgħa kien hemm preżenti c-Chief of Staff, id-Direttur għal Proġetti u Żvillup, u l-Perit inkariġat. Hu qal li dawn qalulu li d-dokumenti tal-offerta għal dan ix-xogħol huma f'idejn il-Procurment Unit u li x-xogħol mistenni jibda f'Mejju ta' din is-sena.

63.3.12 Is-Sindku semma' li kienu kellmuh tal-W.S.C. fejn dawn kienu talbu li ssir trinka biex jgħaddu main tal-ilma ġdid fi Triq il-Kalati. Din it-triq hi waħda żgħira u dejqa u meta ser isir ix-xogħol u jingħata il-wiċċ il-ġdid għal din it-trinka ser ikun għad fadal parti żgħira minnha. Dwar din it-triq il-Perit tal-Kunsill kien diġa għamel stima li tammonta €11116.50ċ. Għalhekk il-Kunsill għandu jitlob il-permess tad-Direttur tad-DLG biex jew ikun jista jintuża l-istess Kuntrattur li ser jaħdmu bih l-W.S.C. biex jingħata wiċċ ġdid lit-triq kollha kemm hi peress li din tinsab fl-istat li hi jew ikun il-Kunsill li joħroġ offerta għal din it-triq.

63.3.13 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv bgħat imejl lill-Inġinier Camilleri tal-W.S.C. dwar l-istat li tħalliet Triq Żabbetta meta saret trinka tad-drenaġġ u li mill-Kunsill kien talab biex din it-triq tingħata wiċċ ġdid bil-konkos kif kien.

63.3.14 Is-Sindku qal li ntalbet kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tal-hot asphalt tal-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira fejn il-wiċċ ta' triq jinsab fi stat ħażin ħafna.

63.3.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie nfurmat mill-Assesore Fabio Notazio mill-Comune di Montefiascone li huma applikaw minn fondi ewropej jekk l-applikazzjoni tiġi milqugħa residenti minn Ta' Sannat huma mistiedna biex jitilgħu Montefiascone mill-31 ta' Lulju sal-5 ta' Awwissu 2017.

## 63.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

63.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill korrispondenza mill-Perit Emanuel Vella f'isem is-Sur Harry Debrincat fejn dan qed jitlob li jkun jista jarma mobile kiosk kif indikat fil-pjanta tal-korrispondenza li provda, fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jikteb li biex isir dan, is-Sur Debrincat dejjem irid ikollu dawk il-permessi neċessarji kollha mingħand l-Awtoritajiet kompetenti. Il-Kunsill qabel ma dan u talab li jżomm nadif fil-madwar.

63.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu talab bil-miktub għal dak li kien ġie ssuġġerit mill-Kunsill fl-aħħar laqgħa biex fil-Playing Field fi Triq Marziena u fil-ispazzju miftuħ fuq il-Ġibjun fi Triq il-Kbira jekk hu possibli jsir free Wi-Fi mill-Ministeru għal Għawdex.

63.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu flimkien mas-Sindku tkellmu u ltaqgħu fuq il-post mall-kuntrattur li kien ħadem il-Pjazzetta tax-Xelina biex issir manutenzjoni fuq il-fili ta bejn il-mantunċina fejn inqala'. Dan għandu jsir fi żmien il-vaganzi tat-tfal tal-iskola peress li minn din il-pjazzetta jgħaddi t-transport tat-tfal tal-iskola u trid tingħalaq biex isir dan ix-xogħol.

63.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li fis-sajf tas-sena l-oħra u l-ġimgħa li għaddiet, uffiċjali mill-Awtorita għas-Saħħa u s-Siġurta fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) ġew l-uffiċċju fejn dawn spezzjonaw il-bini tal-Uffiċċju u talbu lill-Kunsill biex isir Risk Assesment. Hu qal li riċenti d-DLG ukoll talab x'miżuri kien ha l-Kunsill f'dan ir-rigward. Għalhekk hu talab lill-Kunsill biex dan ir-Risk Assesment jsir. Il-Kunsill qabel ma dan.

63.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li hu kien bgħat permezz ta' imejl formola, regoli u linji gwida dwar Premju Frans Sammut – 2016. Is-Sindku ssuġġerixxa li jinħatar bord minn persuni li jiktbu bil-Malti. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jaħtar lil Mons Lawrenz Sciberras, Mons Anton Mizzi u s-Sur George Azzopardi.

63.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kummissjoni Ewropeja ddepositat l-ammont ta' €5000 li kien applika għalihom għal Ġemellaġġ li sar bejn it-30 ta' Settembru u l-4 ta' Ottubru 2016. Hu qal li hu flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa mas-Segretarja tal-bord dwar il-ko-finanzjament fejn il-Kunsill ser jitlob lill-bord id-differenza ta' 90% tal-ħlasijiet li kien għad fadal u li dawn ma ġewx koperti minn nefqa totali tal-Ġemellaġġ ma' Montefiascone fl-Italja.

63.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill dwar stedina għal seminar li ser issir mill-Onor. Stefan Buontempo biex jisma' mill-Kunsilli Lokali Għawdxin xi proposti. L-Onor. Buontempo talab ukoll biex kull Kunsill jgħamel intervent qasir dwar kif jixtiequ li jaraw ir-Reġjuni jaħdmu u jippreżentaw xi idejat li jista jkollu l-Kunsill sabiex il-Kunsill jaħdem aħjar. Għal dan ser tkun mistiedna il-*media*. Dan ser isir nhar is-Sibt 25 ta' Marzu 2017, bejn id-9.30 a.m. u n-12.00 p.m., fis-sala tal-iskola tal-Għarb.

63.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li s-sena l-oħra bil-għajnuna tal-Accountant ġie emendat l-Fixed Assets Register u li l-Kunsill għandu l-lista ta' oġġetti li għadhom fil-bini tal-Uffiċċju li huma għar-rimi għaliex ma għadx fadal użu minnhom. Din il-lista tinsab annessa ma dawn il-minuti DOC 1.

63.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li bħas-snin l-imgħoddija rċieva mingħand is-Sur Joe Louis Sciberras proposta biex fis-sajf li ġej isiru logħob għaż-żgħażagħ minn 14 'l sena 'l fuq. Il-prezz għal dan il-logħob organizzat hu ta' €550 bis-sound system b'kollox u jekk il-Kunsill ikollu bżonn id-dawl fejn ser isir dan il-logħob qed jintalab €50 oħra. B'hekk il-prezz hu ta' €600. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba peress li s-sena l-oħra ma kienx hemm parteċipanti għal din l-attivita'.

63.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'imejl mir-Reġjun ta' Għawdex għall-parteċipazzjoni annwali ta' mużiċisti żgħażagħ minn Għawdex biex jipparteċipaw għall-edizzjoni ta din is-sena fil-Festival des Lyceens et Apprentis – European Ochestra – Region Aquitane, kif kien ġie diskuss u maqbul fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun. Wara li saru l-auditions neċċessarji mill-lokalita' Ta' Sannat kwalifikat studenta Ms Valentina Rapa. Għalhekk ir-Reġjun qed jitlob u jara jekk il-Kunsill hux f'pożizzjoni li jħallas l-ispejjeż relatati mal-vjaġġ bl-ajru biss minn Malta għal Bordeux fi Franza u lura. Dwar dan il-prezz għadu mhux magħruf. Il-Kunsill qabel li jħallas dawn l-ispejjes.

63.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qassam lill-Kunsillieri kopja tal-programm tal-attivitajiet ta' Fund Raising li ser isiru matul ix-xahar ta' Marzu 2017 f' Ta' Sannat.

63.4.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Fondazzjoni Valletta 2018 u l-Kunsill Malti tal-Arti organizzaw workshop fuq scriptwriting bl-isem: Get Your Act Together, li sar nhar is-Sibt 11 ta' Marzu 2017, bejn id-9.30 a.m. u 4.45 p.m. fis-sala tal-bini tal-Kunsill Lokali. Huma taw kontribuzjoni €40 minn rajhom.

63.4.13 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'laqgħa ta' gwida dwar il-proċess tal-ismijiet tat-toroq li ser issir nhar il-Ħamis 24 ta' Marzu 2017. Hu qal li għal din il-laqgħa ser jattendi s-Segretarju Eżekuttiv u talab biex jekk hemm xi ħadd interessat jattendi wkoll.

63.4.14 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularitajiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri b'permezz tal-imejl. Dawn huma-

<u>Ċirkularijiet:</u>

| | | |
|---|---|---|
| 63.4.15 | Nru. 7/2017 | Inizjattiva – Korsijiet *Lifelong Learning* 2017-2018 |
| | Nru. 8/2017 | Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali |

## 63.5 Attivitajiet

63.5.1 **<u>Jum Sannat</u>** - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għal Jum Sannat li ser jiġi organizzat nhar il-Ġimgħa 28 ta' April fejn ser issir serata mużikali u Premju Ġieħ Sannat 2017, il-Headmistress tal-iskola laqgħet it-talba tagħna biex nkunu nistgħu nużaw is-sala. Għal din l-attivita' irid jinkera is-sound system. Wara din is-serata ser tingħata bibita' tal-okkażżjoni.

63.5.2 **<u>Ħarġa Kulturali f'Malta</u>** - Is-Sindku qal li l-Kunsill ilu ma jorġanizza ħarġa kulturali lir-residenti tal-lokal u li mhux darba u tnejn xi residenti jistaqsuh meta hu l-ħsieb li jsir dan. Għalhekk hu ssuġġerixxa li ssir ħarġa għal Malta nhar it-Tlieta 11 ta' April 2017.

63.5.3 **<u>Erbgħat Ta' Pinu</u>** - Is-Sindku qal li f'Mejju jerġgħu jibdew l-erbgħat għas-santwarju Ta' Pinu u bħas-snin l-imgħoddija il-Kunsill għandu jerġa jorganizza dan it-transport issusidjat lil dwak li jkunu jridu jgħamlu wżu minnhu. Hu qed jissuġġerixxi li din is-sena dawk interessati fuq first come first serv basis jinkitbu l-Kunsill biex tibda tinkera minibus minflok xarabank.

63.5.4 **<u>Car Show</u>** - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jibdew isiru l-laqgħat apposta mas-sotto-kumitat tal-Car Show b'risq Puttinu Cares għal din is-sena. Din l-attivita' ser issir nhar il-Ħadd 4 ta' Ġunju 2017. Hu qal li jekk ikunu bdew ix-xogħolijiet fuq Triq Sannat din l-attivita' issir f'post ieħor minflok fil-Pjazza Santa Margerita.

## 63.6 Ilmenti u Suġġerimenti

63.6.1 Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li dwar il-proposta tal-attivita' fis-sajf mit-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini din mhix ser issir f'din il-bajja għaliex ġiet trasferita għal f'post ieħor.

63.6.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi Triq Dun Lazzru Camilleri hemm dgħajsa ħamra abbandunata u meta staqsa lir-residenti ta' min hi qal li ħadd ma jaf. Għalehkk is-Segretarju Eżekuttiv tkellem mall-Pulizija u l-Pulizija qed tieħu dawk il-passi neċessarji.

63.6.3 Is-Sinjorina Josephine Gauci ta' Triq il-Kbira, qed titlob biex issir il-bankina ta' quddiem id-dar tagħha. Il-Kunsill qabel li din il-bankina ssir.

63.6.4 Is-Sinjura Mikelina Azzopardi (anzjana) ta' Triq Dun Xand Aquilina qed titlob lill-Kunsill li jsir No Parking quddiem id-dar tagħha għaliex meta tiġi l-ambulanza għaliha biex tmur l-isptar, l-ambulanza qed issiba diffiċli biex toħroġ jew iddaħal lill-anzjana id-dar. Il-Kunsill għandu jara x'jista jsir dwar dan.

63.6.5 Is-Sindku qal li residenti minn Triq Xamgħan qed jilmentaw dwar il-ħofor li hemm f'din it-triq u qed jitlobu li jsir il-patching neċessarju. Il-Kunsill qabel li jsir il-patching.

63.6.6 Is-Sur Joseph Grech ta' Triq il-Kbira qed jitlob ir-raġuni għaliex il-qsari li kien hemm quddiem id-dar tiegħu tneħħew u ntbgħatu l-pulizija meta hu kien informat mill-Kunsill li jista jgħamel dan. Wara d-diskussjoni li saret ma dan ir-resident fil-bidu tal-laqgħa dwar dan l-ilment il-Kunsill qabel li t-triq ma għandha tkun bl-ebda ostakolu u qabel li l-bankina ta quddiem il-propjeta' ta' Grech għandha titwessa pied u nofs u jinżebgħu żewġ parking bays.

63.6.7 Is-Sur Marvic Hili ta' Triq Dun Luqa qed jitlob li jsiru metru double yellow lines fuq kull naħa tal-garaxx tiegħu għaliex qed isiba diffiċli biex joħroġ u jdaħħal il-vettura fil-garaxx.

63.6.8 Il-Viċi Sindku qalet li minn pjanta antika il-qasam illum magħrufa bħala Triq it-Tabib Anton Tabone din it-triq mit-tieni bozza mir-Rabat kienet tagħmel ma Ta' Sannat. Il-Kunsill qal li minn meta twaqqfu l-Kunsilli Lokali din it-triq ma tinsabx fil-konfini Ta' Sannat.

63.6.9 Fit-3.45 p.m. il-Kunsilliera Cassar Sultana talbet u skużat ruħa peress li kellha bżonn toħroġ mill-laqgħa.

63.6.10 Is-Sindku qal li s-Sur Silvio Tabone ta’ Triq il-Falkun qed jitlob biex tiġi rranġata l-bankina ta’ quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel ma dan.

63.6.11 Il-Kunsillier Bajada qed jissuġġerrixxi li jsir daqs 15 il-pied dotted line fi Triq Saguna. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob dan lill-Transport Malta.

## 63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

63.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 3/2017 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

## 63.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

63.8.1 Il-laqgħa ntemmet fl-3.52 p.m.u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 20 ta’ April 2017, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 25 ta’ April 2017

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella | Jason Curmi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |